TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/7/16/S

Louis Camilleri
Vs
Hamed Saleh

Illum 5 t'Ottubru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Louis Camilleri pprezentata fil-15 ta'Jannar,2017 filwaqt li Hamed Saleh baqa' ma pprezentax risposta bil-miktub ghalkemm debitament notifikat;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fis-seduta tal-15 ta'Gunju,2017;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda xoghol ta' tikhil u zebgha li skont ir-rikorrent, ma sarx sew mill-intimat. Min-naha tieghu l-intimat sostna li ried jirranga x-xoghol izda r-rikorrent ried jistenna s-Sajf;

Illi jinghad mal-ewwel li kwalunkwe xoghol maghmul mhux ghas-sodisfazzjon tal-klijent, kellu jitranga mill-iktar fis partikolarment meta tkun diehla x-xitwa;

Illi l-intimat accetta li ried jirranga xi affarijiet fix-xoghol maghmul minnu;

Illi saret il-prova daparti tar-rikorrent li z-zebgha uzata kienet ta' gewwa u mhux zebgha li tintuza' fuq barra;

Illi inoltre s-suespost, ir-rikorrent jallega li l-intimat ma kellux l-ghodda necessarji ghax-xoghol li tqabbad jaghmel (ara x-xhieda moghtija fis-seduta tal-15 ta'Gunju,2017);

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, il-verzjoni tar-rikorrent hija dik l-iktar verosimili;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ghandha tintlaqa' fl-intier taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Louis Camilleri filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet verbali ta' Hamed Saleh u Jordna lil Hamed Saleh ihallas lil Louis Camilleri is-somma ta' €448.55 kif ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru